

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > [Slovenja](#)

## Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut minn  
Slovenja

Slovenja



Din il-paġna tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-professjonijiet legali fis-Slovenja.

### Organizzazzjoni tal-professjonijiet legali

#### Il-professjonijiet legali

Fir-Repubblika tas-Slovenja persuna bi grad universitarju fil-liġi jew li tkun temmet l-istudji legali taħt l-ewwel u t-tieni ċikli ta' Bologna tista' tagħmel minn bosta professjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja, inkluż imħallef, prosekutur, avukat ġenerali, avukat u nutar.

#### Prosekuturi

##### Organizzazzjoni

Skont l-Artikolu 135 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja, il-prosekuturi pubbliċi (državni tožilci) iressqu u jippreżentaw akkużi kriminali u għandhom setgħat oħrajn previsti mil-liġi. Is-setgħat u l-organizzazzjoni tagħhom huma fil-biċċa l-kbira stipulati fl-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (Zakon o državnem tožilstvu) u l-Att dwar il-Proċedura Kriminali (Zakon o kazenskem postopku).

Hemm 11-il uffiċċju distrettwali tal-prosekutur pubbliku (okrožno državno tožilstvo) fis-Slovenja (Celje, Koper, Kranj, Krško, Ljubljana, Maribor, Murska Sobota, Nova Gorica, Novo Mesto, Ptuj, Slovenj Gradec), Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Speċjalizat (Specializirano državno tožilstvo), organizzati madwar il-pajjiż kollu, u [Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Suprema](#) (Vrhovno državno tožilstvo Republike Slovenije) f'Ljubljana.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Speċjalizat huwa responsabbli għall-prosekuzzjoni ta' attivitajiet kriminali fl-oqsma tal-kriminalità tradizzjonali u ekonomika organizzata, tat-terroriżmu, tal-korruzzjoni u ta' attivitajiet kriminali oħra li jeħtieġu l-individwazzjoni u l-prosekuzzjoni minn prosekuturi pubbliċi organizzati u mħarrġa apposta. Id-Dipartiment għall-Investigazzjoni u l-Prosekuzzjoni ta' Awtoritajiet Speċjali (Odelek za preiskovanje in pregon uradnih oseb s posebnimi pooblastili, magħruf bħala l-*posebni oddelek* jew "dipartiment tal-investigazzjoni speċjali") jopera bħala unità organizzattiva indipendenti fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Speċjalizat. Il-prosekuturi pubbliċi f'dan id-dipartiment ta' investigazzjoni speċjali huma responsabbli għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali mwettqa minn uffiċjali tal-pulizija, uffiċjali f'aġenziji tal-affarijiet interni b'setgħat tal-pulizija, uffiċjali tal-pulizija militari, uffiċjali tas-servizz tas-sigurtà u l-intelligence tal-Ministeru għad-Difiża u uffiċjali tal-Aġenzija Slovena tal-Intelligence u s-Sigurtà. Huma jipprovdu wkoll gwida lill-uffiċjali tal-pulizija li jaħdmu mad-Dipartiment.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Suprema huwa l-uffiċċju tal-prosekutur tal-ogħla grad fil-pajjiż, li fiha joperaw:

- prosekuturi pubbliċi tal-Qorti Suprema (vrhovni državni tožilci) u prosekuturi pubbliċi tal-Qorti Superjuri (višji državni tožilci),
- prosekuturi pubbliċi b'xogħol temporanju jew part-time.

Il-prosekturi pubbliċi tal-Qorti Superjuri jirrappreżentaw appelli fi proċedimenti ta' appell quddiem il-qorti superjuri (višja sodišča) fis-Slovenja. Fi proċedimenti b'rimedji straordinarji fil-qasam tad-dritt kriminali u fil-qasam tal-affarijiet ċivili u amministrattivi, il-prosekturi pubbliċi tal-Qorti Suprema jidhru quddiem il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja (Vrhovno sodišče Republike Slovenije).

L-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku tal-Qorti Suprema huwa organizzat fi:

- tliet dipartimenti (id-dipartiment tad-dritt kriminali (kazenski oddelek), id-dipartiment tal-affarijiet ċivili u amministrattivi (civilno-upravni oddelek) u d-dipartiment tat-taħriġ u s-sorveljanza esperta (oddelek za izobraževanje in strokovni nadzor)), u
- ċ-Ċentru tal-Infommazzjoni Esperta (Strokovno informacijski center), li l-kompiti tiegħu jinkludu l-għoti ta' assistenza esperta fil-qasam fiskali, finanzjarju, kontabilistiku u f'dixxiplini oħrajn meħtieġa għall-prestazzjoni effiċjenti tal-prosekturi pubbliċi u l-iżgurar tal-iżvilupp, l-unità u l-operazzjoni ta' appoġġ bl-infommazzjoni għall-funzjonament tal-uffiċċji tal-prosekturi pubbliċi.

## Rwol u dmirijiet

Ir-rwol u d-dmir ewlieni tal-prosekturi pubbliċi huma l-prosekuzzjoni tar-reati kriminali. F'dan il-kuntest huma responsabbli milli:

- jieħdu kull pass meħtieġ għad-detezzjoni ta' attivitajiet kriminali u s-sejben tat-trażgressuri u jiggwidaw ħidmet il-pulizija fil-proċedimenti ta' qabel il-proċess, fejn il-pulizija jkunu indipendenti mill-prosektur pubbliku f'termini ta' organizzazzjoni,
- iressqu talbiet għal investigazzjoni,
- iressqu u jippreżentaw kapi ta' akkuża fil-qorti rilevanti, u
- jressqu appelli kontra sentenzi tal-qorti li ma jkunux finali, u rimedji straordinarji kontra d-deċiżjonijiet finali tal-qorti (l-appelli kontra deċiżjonijiet tal-qorti tal-prim'istanza f'kawżi kriminali jiġu ppreżentati mill-prosektur pubbliku li jkun ressaq il-kap ta' akkuża fil-qorti tal-prim'istanza, filwaqt li rimedji straordinarji jittressqu mill-prosekturi pubbliċi tal-Qorti Suprema).

Il-leġiżlazzjoni kriminali applikabbli tippermetti lill-prosekturi pubbliċi li f'ċerti ċirkostanzi jagħżlu rimedji alternattivi għall-prosekuzzjoni kriminali biex jittrattaw forum ta' assoċjazzjoni kriminali. Dawn jinkludu, l-ewwel nett, it-trasferiment tal-kawża għal proċedura ta' ftehim u s-sospensjoni kondizzjonali tal-prosekuzzjoni kriminali jekk is-suspettat ikun lest iġib ruħu kif avżat mill-prosektur u li jagħmel ċerti azzjonijiet indikati mill-prosektur. Jekk il-ftehim jew is-sospensjoni kondizzjonali tal-prosekuzzjoni tirnexxi, il-prosektur pubbliku jista' jħassar ir-rapport kriminali, jiġifieri l-kawża tissolva barra mill-qorti. Il-prosektur pubbliku jista' jipproponi wkoll lill-qorti l-ħruġ ta' ordni ta' piena fejn il-qorti tikkundanna lill-akkużat għal piena jew miżura speċifika proposta mingħajr smiġħ.

Barra minn hekk, l-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku tal-Qorti Suprema jwettaq kompiti li jaqgħu barra mill-kopertura sostantiva tad-dritt kriminali. F'wieħed mit-tliet dipartimenti tal-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku tal-Qorti Suprema, id-dipartiment tal-affarijiet ċivili u amministrattivi, il-prosekturi pubbliċi tal-Qorti Suprema jistgħu jippreżentaw talba għall-protezzjoni tal-legalità (zahteva za varstvo zakonitosti) kontra deċiżjonijiet tal-qorti tal-appell (pritožbeno sodišče) fi proċedimenti kontenzjużi, mhux kontenzjużi u proċedimenti oħra tal-qorti ċivili. Il-prerekwiżit għall-preżentata ta' dan ir-rimedju ġudizzjarju straordinarju huwa l-protezzjoni tal-interess pubbliku, li jista' jiġi ddeterminat biss mill-Prosektur Pubbliku tal-Qorti Suprema. Il-partijiet fil-proċedimenti ma jistgħux għalhekk iressqu talbiet għall-protezzjoni tal-legalità.

## Imħallfin

### Organizzazzjoni

Imħallfin professjonali u mħallfin onorarji

L-istatus ta' mħallf huwa rregolat mill-Artikoli 125 sa 134 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja u mill-Att dwar is-Servizz Ġudizzjarju (Zakon o sodniški službi). L-imħallfin huma uffiċjali eletti mill-Assemblea Nazzjonali (Državni zbor) fuq il-bażi ta' proposta mill-Kunsill Ġudizzjarju (Sodni svet). Il-mandat ta' mħallf huwa permanenti, u l-limitu tal-età u l-kundizzjonijiet għall-elezzjoni huma stipulati fil-liġi.

Biex xi ħadd jiġi elett b'ħala m'ħallef, irid jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

1. ikun ċittadin Sloven u jkollu ħakma tajba tal-lingwa Slovena,
2. ikollu kapaċità ġuridika u jkun fi stat tajjeb ta' saħħa,
3. ikollu mill-inqas 30 sena,
4. ikun kiseb it-titolu professjonali ta' avukat bi grad universitarju miksub fis-Slovenja jew it-titolu professjonali ta' baċċellerat tal-liġi (NU) u ta' masters fil-liġi jew kiseb kwalifika ekwivalenti fil-liġi barra mill-pajjiż li hija attestata b'ċertifikat ta' kwalifika barrani b'opinjoni mehmuża dwar il-kwalifika jew b'deċiżjoni li tirrikonoxxi l-kwalifika għal finijiet ta' impjeg jew ċertifikat li jirrikonoxxi l-lawrja minn università barranija (odloċba o nostrifikaciji),
5. ikun għadda mill-eżami pubbliku tal-liġi,
6. ma jkunx ġie kkundannat għal reat kriminali,
7. ma jkunx is-suġġett ta' att ta' akkuża finali jew, abbażi ta' kap ta' akkuża, is-suġġett ta' proċedimenti relatati ma' reat kriminali mixli *ex officio*.

Wara t-tmiem tal-kariga tagħhom, l-imħallfin li jkunu ddeċidew dwar proċedimenti investigattivi jew ġudizzjarji li fihom sentenza tkun kisret id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jintgħażlu b'ħala m'ħallfin.

L-imħallfin għandhom l-istatus ta' uffiċjali pubbliċi u huma marbuta bil-Kostituzzjoni u bil-leġiżlazzjoni fit-twettiq ta' dmirijiethom. Il-kariga ġudizzjarja ma hijiex kompatibbli mal-kariga f'korpi statali oħra, korpi awtonomi lokali u korpi ta' partiti politiċi, u ma' karigi u attivitajiet oħra kif previst mil-liġi. Ma hemm l-ebda speċjalizzazzjoni edukattiva formali fost l-imħallfin. Il-qasam ġuridiku li m'ħallef jaħdem prinċipalment fih ikun definit fl-organizzazzjoni interna tal-qorti individwali li, biex issolvi tipi individwali ta' tilwim, għandha bosta dipartimenti ġuridiċi li l-imħallfin ikunu assenjati għalihom f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali tagħha. Il-Kunsill Ġudizzjarju tar-Repubblika tas-Slovenja jiddeċiedi dwar il-promozzjoni għal kariga ġudizzjarja oġġla u dwar il-promozzjoni fil-grad. Il-Kunsill Ġudizzjarju jagħmel proposta wkoll lill-Assemblea Nazzjonali biex imħallef jitkeċċa mill-kariga ġudizzjarja tiegħu jekk, fit-twettiq ta' dmirijietu, jikser il-Kostituzzjoni jew jikser serjament il-liġi jew deliberatament jikkommetti reat kriminali billi jabbuża mill-kariga ġudizzjarja tiegħu. Ir-rati tal-promozzjonijiet tal-imħallfin f'kariga ġudizzjarja huma stabbiliti fl-organizzazzjoni tal-qorti fis-Slovenja. L-imħallfin jistgħu jkunu: imħallfin lokali (okrajni sodniki), imħallfin distrettwali (okrožni sodniki), imħallfin superjuri (višji sodniki) jew imħallfin supremi (vrhovni sodniki).

L-imħallfin huma rappreżentati fl-Assoċjazzjoni Slovena tal-Imħallfin, li hija membru tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin. Is-sħubija fl-assoċjazzjoni hija volontarja.

Il-bordijiet ġudizzjarji jistgħu jinkludu kemm imħallfin professjonali (poklicni sodniki) kif ukoll imħallfin onorarji (sodniki porotniki). Meta l-liġi tkun teħtieġ deċiżjoni minn bord, il-bord ikun magħmul minn imħallef professjonali b'ħala President tal-bord u żewġ imħallfin onorarji b'ħala membri tal-bord, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mil-liġi. Meta l-liġi tirrikjedi deċiżjoni minn bord ta' ħames membri, il-bord ikun magħmul minn imħallef professjonali b'ħala President tal-bord, minn imħallef professjonali ieħor, u minn tliet imħallfin onorarji b'ħala membri tal-bord, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mil-liġi. Kwalunkwe ċittadin tar-Repubblika tas-Slovenja li jkollu mill-inqas 30 sena, li ma jkunx ġie kkundannat b'sentenza finali ta' reat kriminali mixli *ex officio*, u jkollu predispożizzjoni adegwata u ġeneralment f'saħħtu għall-kariga ġudizzjarja u għandu għarfien tajjeb ħafna tal-lingwa Slovena. Il-mandat tal-imħallfin onorarji huwa ta' ħames snin u jistgħu jerġgħu jinħatru. L-imħallef li jippresjedi qorti superjuri jaħtar u jkeċċi lill-imħallfin onorarji tal-qorti distrettwali li jaqgħu taħt il-ġuriżdiżjoni ta' dik il-qorti superjuri.

Il-Kunsill Ġudizzjarju tar-Repubblika tas-Slovenja

[Il-Kunsill Ġudizzjarju tar-Repubblika tas-Slovenja](#) (Sodni svet RS) huwa l-korp ċentrali responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-professjoni.

Il-Kunsill Ġudizzjarju huwa magħmul minn 11-il membru.

Ħames membri jiġu eletti mill-Assemblea Nazzjonali, fuq proposta tal-President tar-Repubblika tas-Slovenja, minn fost professuri universitarji tal-liġi, avukati, u sitt membri jiġu eletti minn fost selezzjoni ssuġġerita minn imħallfin li jaħdmu full-time f'kariga ġudizzjarja. Il-membri tal-Kunsill jagħżlu wieħed mill-membri tagħhom b'ħala President.

Il-Kunsill Ġudizzjarju għandu s-setgħat li ġejjin:

Il-Kunsill Ġudizzjarju għandu s-setgħat li ġejjin skont ir-regoli li jirregolaw il-qrati u s-servizz ġudizzjarju:

1. fir-rigward tal-għażla, il-ħatra u t-tkeċċija tal-imħallfin, tal-presidenti u tal-vice presidenti tal-qrati:

- jagħti opinjoni preliminari bħala parti mill-proċedura għall-ħatra tal-president tal-Qorti Suprema,
- jipproponi lill-Assemblea Nazzjonali kandidati għall-ħatra fil-kariga ta' mħallf tal-Qorti Suprema,
- jaħtar u jkeċċi presidenti u vice presidenti tal-qrati minbarra l-president tal-Qorti Suprema
- jagħżel kandidati għal karigi ġudizzjarji vakanti,
- jipproponi lill-Assemblea Nazzjonali kandidati għall-ħatra fil-kariga ġudizzjarja,
- jaħtar imħallfin għal karigi ġudizzjarji vakanti,
- jagħti opinjoni motivata bħala parti mill-proċedura għat-tkeċċija tal-president tal-Qorti Suprema,
- jinforma lill-Assemblea Nazzjonali b'sentenza finali li tikkundanna lil imħallf,
- jipproponi lill-Assemblea Nazzjonali li mħallf jitkeċċa,
- joħroġ deċiżjonijiet dikjaratorji li jittterminaw funzjonijiet ġudizzjarji jew servizz ġudizzjarju;

2. fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra tal-persunal relatati mal-imħallfin, meta jiddeċiedi dwar:

- l-inkompatibbiltà tal-funzjoni ġudizzjarja,
- il-promozzjoni għal funzjoni ġudizzjarja oġġla,
- il-promozzjoni aktar rapida fil-grad, għall-pożizzjoni ta' mħallf anzjan (svetnik), jew għal kariga ġudizzjarja oġġla,
- il-promozzjoni straordinarja għal funzjoni ġudizzjarja oġġla,
- il-konferma li mħallf mhuwiex adattat għas-servizz ġudizzjarju,
- proposta biex jiġi rrimedjat ksur minn imħallf li jaqis li l-indipendenza tiegħu għet affettwata b'xi mod,
- appelli kontra deċiżjoni għat-trasferiment jew il-ħatra għal pożizzjoni ġudizzjarja, għal funzjoni ġudizzjarja jew għal pożizzjoni ta' mħallf anzjan u kontra d-deċiżjoni għal klassifikazzjoni fi grad,
- it-trasferiment ta' mħallfin,
- l-assenjazzjoni ta' mħallf lill-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja, lill-Qorti Suprema, lill-Qorti Superjuri, lid-dipartiment speċjalizzat ta' qorti distrettwali, lis-servizz speċjali tal-Kunsill Ġudizzjarju, liċ-Ċentru għat-Taħriġ Ġudizzjarju jew lill-Ministeru, biex jittratta xogħol tekniku aktar diffiċli,
- l-eżenzjoni mis-servizz ġudizzjarju,
- l-għoti ta' boroż ta' studju ġudizzjarji;

3. fir-rigward ta' proċeduri dixxiplinari:

- jaħtar korpi dixxiplinari,
- jissottometti proposti għat-tnedija ta' proċeduri dixxiplinari kontra mħallf,
- jinforza penali dixxiplinari kontra mħallf jekk, skont il-liġi li tirregola s-servizz ġudizzjarju, huwa jkun soġġett għal penali dixxiplinari ta' sospensjoni tal-promozzjoni, tnaqqis fis-salarju jew trasferiment lil qorti oħra,
- jiddeċiedi dwar it-tneħħija temporanja mis-servizz ġudizzjarju tal-president tal-Qorti Suprema,
- jiddeċiedi dwar appell kontra deċiżjoni tal-president tal-Qorti Suprema li tordna t-tneħħija temporanja ta' mħallf mis-servizz ġudizzjarju;

4 kompiti oħra:

- jadotta kriterji għall-għażla ta' kandidati għal karigi ġudizzjarji wara opinjoni mill-ministru u kriterji għall-kwalità tal-prestazzjoni tal-imħallfin għall-valutazzjoni tas-servizz tagħhom,
- jadotta kodiċi ta' kondotta ġudizzjarja,
- jaħtar membri tal-Kumitat tal-Etika u l-Integrità (Komisija za etiko in integriteto),
- jadotta struzzjonijiet dwar il-proċedura għall-elezzjoni tal-membri tal-kunsilli tal-persunal u għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet,
- japprova l-politika dwar id-detezzjoni u l-ġestjoni tar-riskju u l-esponiment tal-qrati għall-korruzzjoni u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħha,
- jagħti opinjoni preliminari dwar iċ-ċarts tal-persunal tat-taqsimiet tal-qorti,
- jagħti opinjoni preliminari bħala parti mill-proċedura għad-determinazzjoni tal-għadd ta' karigi ġudizzjarji f'kull qorti,
- jagħti opinjoni dwar ir-rapport annwali tal-Qorti Suprema dwar l-effiċjenza u l-effettività tal-qrati u dwar il-

- pjan finanzjarju propost għall-qrati,
- jagħti opinjoni lill-Assemblea Nazzjonali u lill-Ministeru dwar il-liġijiet li jirregolaw il-qrati u s-servizz ġudizzjarju,
- jitlob it-tnedija tal-proċedura għar-rieżami tal-kostituzzjonalità u l-legalità tar-regoli jekk dawn jaffettwaw l-istatus kostituzzjonali jew id-drittijiet kostituzzjonali tal-ġudikatura,
- jagħmel talbiet motivati għal farsa ġenerali lejn l-operazzjonijiet f'każijiet speċifiċi,
- jagħti opinjoni dwar ordnijiet ta' detenzjoni jew ta' bidu ta' proċedimenti kriminali.

Il-Kunsill Ġudizzjarju jieħu deċiżjonijiet b'vot pubbliku u b'vot ta' maġġoranza tal-membri kollha tiegħu, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi jew mir-regoli ta' proċedura.

Il-Kunsill Ġudizzjarju jiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-membri kollha tiegħu fil-każijiet li ġejjin:

- il-proposti għall-elezzjoni tal-imħallfin,
- il-ħatriet u l-promozzjoni ta' mħallfin,
- il-ħatriet u t-tkeċċija tal-presidenti u tal-viċi presidenti tal-qrati,
- il-klassifikazzjoni fi grad,
- l-appelli kontra d-deċiżjoni għat-trasferiment jew il-ħatra għal pożizzjoni ġudizzjarja, għal funzjoni ġudizzjarja jew għall-pożizzjoni ta' mħallf anżjan,
- l-appelli kontra deċiżjoni ta' klassifikazzjoni fi grad,
- il-proposti għat-tkeċċija ta' mħallfin,
- il-konferma li mħallf mhuwiex adattat għas-servizz ġudizzjarju,
- l-adozzjoni ta' kriterji għall-għażla ta' kandidati għal karigi ġudizzjarji,
- l-adozzjoni ta' kriterji għall-kwalità tal-prestazzjoni tal-imħallfin,
- kompiti oħrajn, jekk il-liġi titlob hekk.

Il-Kunsill Ġudizzjarju jista', permezz tar-regoli ta' proċedura tiegħu, jiddeċiedi dwar kwistjonijiet oħra li fihom jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tiegħu.

## Avukati

L-Artikolu 137 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja jgħid li l-avukatura (odvetništvo) hija servizz indipendenti awtonomu fi ħdan is-sistema ġudizzjarja u hija rregolata mil-liġi. L-Att dwar l-Avukati (Zakon o odvetništvu) jgħid li, fit-tweġġ ta' dmiriethom, l-avukati jipprovdu pariri legali, jirrappreżentaw u jiddefendu partijiet quddiem il-qrati u korpi oħra tal-Istat, ifasslu dokumenti u jirrappreżentaw partijiet fir-relazzjonijiet legali tagħhom. Avukat biss jista' jirrappreżenta parti quddiem il-qorti u jitħallas; f'ċerti każijiet Prattikant jista' jieħu post l-avukat.

Kull min jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin jista' jkun avukat:

1. ikun ċittadin Sloven,
2. ikollu kapaċità operattiva,
3. ikun kiseb it-titolu professjonali li ġej fir-Repubblika tas-Slovenja jew ikun kiseb kwalifika ekwivalenti f'pajjiż ieħor, kif rikonoxxut f'konformità mal-liġi dwar ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni tal-edukazzjoni:
  - it-titolu professjonali ta' avukat b'lawrja universitarja,
  - it-titolu professjonali tal-baċċellerat tal-liġi (NU) u ta' master fil-liġi,
  - it-titolu professjonali ta' master fil-liġi fuq il-bażi ta' programm ta' master tat-tieni ċiklu ta' Bologna,
4. ikun għadda mill-eżami pubbliku tal-liġi,
5. ikollu erba' snen esperjenza ta' xogħol bħala avukat b'lawrja universitarja fil-liġi, li, wara li jkun għadda mill-eżami pubbliku tal-liġi, mill-inqas sena minnhom trid tkun ma' avukat jew ditte ta' avukati, qorti, uffiċċju ta' prosekutur pubbliku, uffiċċju ta' avukat ġenerali jew nutar f'relazzjoni ta' impjeg regolari konklużi permezz ta' kuntratt ta' impjeg full-time.
6. ikollu f'haqma tajba tal-lingwa Slovena,
7. ikun ta' min jafdah biex jipprattika bħala avukat,
8. ikollu t-tagħmir u l-post neċessarji biex jipprattika bħala avukat,
9. ikun għadda minn eżami biex jittestja l-għarfien tal-liġi dwar l-avukatura, it-tariffa uffiċjali għall-onorarji tal-avukati u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Avukati fil-Kamra tal-Avukati tas-Slovenja (Odvetniška zbornica Slovenije).

Avukat biss jista' jagħti pariri lill-akkużat fi proċedimenti kriminali.

F'kawżi ċivili l-parti tista' tkun rappreżentata quddiem qorti lokali minn kwalunkwe persuna li jkollha kapaċità operattiva sħiħa, filwaqt li avukat jew persuna oħra biss li tkun għaddiet minn eżami pubbliku għall-avukati tista' tkun rappreżentant awtorizzat quddiem qorti distrettwali, qorti superjuri jew il-Qorti Suprema. Fi proċedimenti b'rimedji straordinarji, madankollu, parti trid tkun rappreżentata bilfors minn avukat (bl-eċċezzjoni tal-kawżi fejn il-parti jew ir-rappreżentant statutorju tagħha jkun għadda minn eżami pubbliku tal-liġi).

Ir-rappreżentanza minn avukat hija obbligatorja wkoll fil-proċedimenti kollha quddiem il-qrati skont l-Att dwar is-Saħħa Mentali (Zakon o duševnem zdravju).

Avukat barrani li jkun ingħata d-dritt li jipprattika bħala avukat fil-pajjiż tal-orġini tiegħu jista' jagħmel dan li ġej fir-Repubblika tas-Slovenja bil-kundizzjonijiet stipulati mill-Att dwar l-Avukati:

- jipprovdu servizzi ta' avukat speċifiċi relatati mal-prattika ta' avukat,
- jipprattika ta' avukat bit-titolu professjonali tal-pajjiż tal-orġini tiegħu,
- jipprattika bħala avukat bit-titolu professjonali ta' "avukat" (odvetnik).

Il-pajjiż ta' orġini ta' avukat huwa l-pajjiż li fih huwa intitolat li jipprattika bħala avukat bit-titolu professjonali miksub skont ir-regolamenti ta' dak il-pajjiż.

Skont dan l-Att, avukat minn pajjiż ieħor li huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huwa avukat intitolat li jipprattika bħala avukat fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea bit-titolu professjonali miksub skont ir-regolamenti ta' dak il-pajjiż. Avukat minn pajjiż ieħor li jkun Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jiddaħħal fid-direttorju tal-avukati barranin li jistgħu jipprattikaw bħala avukati fir-Repubblika tas-Slovenja bit-titolu professjonali ta' "avukat" bid-drittijiet u d-dmirijiet applikabbli għal avukat prattikanti jekk dik il-persuna tissodisfa l-kundizzjonijiet statutorji u tgħaddi mill-eżami li jittestja l-għarfien tad-dritt nazzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja. Iktar dettalji dwar l-eżami u l-proċedura biex wieħed ikun jista' jagħmlu huma stipulati fid-Digriet dwar l-eżami għall-avukati minn pajjiżi oħrajn (Uredba o preizkusnem izpitu za odvetnike iż drugih držav).

L-avukati jistgħu jirreklamaw is-servizzi tagħhom taħt ċerti kundizzjonijiet, peress li l-Att jistabbilixxi forom permessi ta' reklamar. Huma jistgħu jipprattikaw individwalment jew f'ditta ta' avukati. L-organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-avukati hija l-Kamra tal-Avukati Slovena (Odvetniška zbornica Slovenije), li għandha r-regoli u l-istatut tagħha. Id-dritt li wieħed jipprattika bħala avukat jinkiseb billi jiddaħħal fid-direttorju tal-avukati li jinżamm mill-Kamra tal-Avukati Slovena. Avukati li jtemmu livell partikolari jew speċjalizzazzjoni fl-edukazzjoni professjonali jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jitolbu lill-Kamra tal-Avukati Slovena tirrikonoxxi l-istatus tagħhom ta' avukat speċjalizzat. Il-ħlas għas-servizzi tal-avukati huwa stipulat fit-tariffa uffiċjali għall-onorarji tal-avukati li tiġi adottata mill-Kamra tal-Avukati Slovena wara l-approvazzjoni mill-Ministru tal-Ġustizzja.

## Bażijiet tad-*data* legali

Ir-Regolamenti bażiċi dwar l-avukati huma disponibbli bl-Ingliż fis-sit web tal-Kamra tal-Avukati.

Il-Kamra tal-Avukati tħaddem [magna tat-tiftix](#) (bis-Sloven u bl-Ingliż) li tista' tintuża biex tftitex avukati permezz ta':

- l-isem,
- ir-reġjun,
- l-għarfien tal-lingwi barranin u
- l-oqsma ta' attività.

## Nutara

### Organizzazzjoni

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 137 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja jgħid li n-nutara (notarji) iwettqu servizz pubbliku regolat mil-liġi. L-Att dwar in-Nutara (Zakon o notariatu) jipprevedi li: bħala persuni li jgawdu mill-fiduċja pubblika, ifasslu, skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att, dokumenti pubbliċi dwar tranżazzjonijiet legali, dikjarazzjonijiet ta' testmenti jew fatti li joħolqu drittijiet; jieħdu dokumenti, flus u titoli f'kustodja għall-konsenja lil terzi jew lil korpi tal-Istat; fuq talba tal-qrati, iwettqu l-kompiti li jistgħu jiġu delegati lilhom

f'konformità mal-liġi.

Biex xi ħadd jinħatar nutar irid jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. irid ikun ċittadin tar-Repubblika tas-Slovenja, ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ċittadin tal-Konfederazzjoni Żvizzera jew ta' Stat Membru tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi,
2. ikollu kapaċità ġuridika u jkun fi stat tajjeb ta' saħħa,
3. ikun kiseb it-titolu professjonali ta' avukat bi grad universitarju miksub fis-Slovenja jew it-titolu professjonali ta' baċċellerat tal-liġi (NU) u ta' masters fil-liġi jew kiseb kwalifika ekwivalenti fil-liġi barra mill-pajjiż li hija attestata b'ċertifikat ta' kwalifika barrani b'opinjoni mehmuża dwar il-kwalifika jew b'deċiżjoni li tirrikonoxxi l-kwalifika għal finijiet ta' impjeg jew ċertifikat li jirrikonoxxi l-lawrja minn università barranija (odloċba o nostrifikaciji),
4. ikun għadda mill-eżami pubbliku tal-liġi,
5. irid ikollu ħames snin esperjenza ta' xogħol bħala avukat bi grad universitarju fil-liġi, li mill-inqas sena minnhom ma' nutar u sena ma' qorti, avukat jew avukat ġenerali,
6. irid jitqies affidabbli għat-twettiq tad-dmirijiet ta' nutar,
7. ikollu ħakma tajba tal-lingwa Slovena,
8. irid ikollu t-tagħmir u l-bini xierqa meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet ta' nutar,
9. irid ikollu inqas minn 64 sena.

Minkejja l-punt 1 tal-paragrafu preċedenti, iċ-ċittadini ta' pajjiż ieħor li ma huwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea, Il-Konfederazzjoni Żvizzera jew Stat Membru tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi jistgħu jinħatar wkoll bħala nutara soġġett għal reċiproċità legali u attwali.

Id-dmirijiet ta' nutar huma inkompatibbli ma' dawk ta' avukat jew ma' kwalunkwe kariga jew funzjoni bi ħlas.

Nutar ma huwiex awtorizzat iwettaq kompiti li huma inkompatibbli mar-rispettabbiltà u l-integrità meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet ta' nutar jew li jistgħu jimminaw il-fiduċja fl-imparzjalità tan-nutar jew fil-kredibbiltà tad-dokumenti mfassla minnu.

Nutar jinħatar f'post battal mill-Ministru tal-Ġustizzja. Qabel il-ħatra ta' nutar il-Ministru jikseb l-opinjoni tal-Kamra tan-Nutara Slovena (Notarska zbornica Slovenije) dwar il-kandidati ssuġġeriti. L-għadd ta' nutara huwa limitat u ddeterminat fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Fil-każ ta' kwalunkwe irregolarità definita mil-liġi, in-nutar jitkeċċa mill-Ministru tal-Ġustizzja. Il-Kamra tan-Nutara hija l-għaqda li taħt il-kappa tagħha jaqgħu n-nutara.

In-nutara huma meħtieġa bil-liġi li jsiru membri tal-[Kamra tan-Nutara Slovena](#).

## Rwol u dmirijiet

In-nutara jwettqu servizz pubbliku l-aktar fit-tnejn ta' dokumenti pubbliċi u privati, li huwa importanti ħafna għas-sigurtà tat-tranżazzjonijiet legali.

Id-dokumenti pubbliċi li jinħarġu ġeneralment min-nutara huma rekords notarili u minuti notarili. Filwaqt li nutar jista' jħejji kwalunkwe tip ta' kuntratt bil-miktub għall-partijiet, hemm ċerti tipi ta' kuntratti u statuti ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata pubbliċi u privati li huma validi biss skont id-dritt Sloven jekk jinħarġu bħala rekords notarili. Nutar jista' jirreġistra wkoll l-aħħar testament. Barra minn hekk, dokumenti u firem ikkupjati xi drabi jridu jiġu awtentikati minn nutar biex tiġi żgurata l-validità tagħhom quddiem qorti ġudizzjarja. Dokumenti u titoli jistgħu jiġu ddepożitati għand nutar.

## Bażijiet tad-data legali

Is-sit web tal-Kamra tan-Nutara jipprovdi aċċess għal [lista tan-nutara kollha](#) fis-Slovenja bl-informazzjoni ta' kuntatt u magna tat-tiftix bażika.

It-tliet reġistri ġestiti mill-Kamra tan-Nutara jistgħu jiġu aċċessati mis-sit web tagħha:

- [Ir-Regjistru tan-Nutara Depożitarji](#) (register skrbniških notarjev),

- [Ir-Regjistru tal-Kuntratti dwar it-Twaqqif ta' Kontijiet Depożitarji](#) (register skrbniških pogodb)
- [Ir-Regjistru Ċentrali tat-Testmenti](#) (centralni register oporok).

## Professjonijiet legali oħra

[Assistent Ġudizzjarju \(Sodniški pomočnik\)\(372Kb\)](#)  (372 Kb) 

## Avukati Ġenerali

Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa stabbilit fl-Att il-ġdid dwar l-Avukati Ġenerali, li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017 u emenda b'mod komprensiv l-istituzzjoni ta' avukat ġenerali.

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jwettaq kompiti professjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-proprjetà u drittijiet u interessi oħra tal-Istat permezz ta' rappreżentanza legali quddiem il-qrati u l-korpi amministrattivi fir-Repubblika tas-Slovenja, quddiem il-qrati u l-bordijiet tal-arbitraġġ barranin, kif ukoll quddiem il-qrati u l-bordijiet tal-arbitraġġ internazzjonali, u jagħti pariri legali, jipprovdi soluzzjoni paċifika ta' tilwim fi proċeduri ta' qabel il-proċess u kompiti oħra stabbiliti minn din il-liġi jew liġijiet oħra.

Il-kompiti tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jitwettqu mill-Avukat Ġenerali u mill-Viċi Avukat Ġenerali bħala uffiċjali u minn avukati ġenerali anzjani, avukati ġenerali u kandidati għal avukat ġenerali, li issa għandhom l-istatus ta' impjegati taċ-ċivil. Sabiex jiġu evitati ħatriet politiċi, il-proċedura għall-għażla tal-Avukat Ġenerali u tal-avukati ġenerali anzjani tipprevedi opinjoni minn kumitat ta' esperti indipendenti fdati bil-valutazzjoni tal-adeqgatezza tal-kandidati.

L-Avukat Ġenerali jinħatar mill-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja fuq proposta motivata tal-Ministru tal-Ġustizzja wara li jikseb l-opinjoni tal-kumitat fdat bil-valutazzjoni tal-adeqgatezza tal-kandidati. Il-Viċi Avukat Ġenerali tal-Istat jinħatar mill-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja fuq proposta tal-Avukat Ġenerali, bil-qbil tal-Ministru tal-Ġustizzja, u jrid jinħatar minn fost l-avukati ġenerali anzjani. Il-mandat kemm tal-Avukat Ġenerali kif ukoll tal-viċi tiegħu huwa ta' sitt snin bil-possibbiltà ta' tiġdid. Sabiex jitwettqu d-dmirijiet ta' avukat ġenerali anzjan, avukat ġenerali jew kandidat għal avukat ġenerali, irid jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg li fih, minbarra l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Att dwar l-Avukati Ġenerali, iridu jiġu ssodisfati wkoll il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi li tirregola s-sistema tas-servizz ċivili.

L-avukat ġenerali huwa indipendenti fl-eżerċitar tad-dmirijiet ta' rappreżentanza legali.

### Links relatati

[Informazzjoni dwar il-professjonijiet legali mis-sit web tal-Prosekutur Pubbliku Ġenerali tar-Repubblika tas-Slovenja](#)

[Informazzjoni dwar il-professjonijiet legali](#)

[Informazzjoni dwar il-professjonijiet legali mis-sit web tal-Ġudikatura Slovena](#)

[Informazzjoni dwar professjonijiet legali mis-sit web tal-Kamra tal-Avukati Slovena](#)

[Informazzjoni dwar il-professjonijiet legali mis-sit web tal-Kamra tan-Nutara Slovena](#)

[Informazzjoni dwar il-professjonijiet legali mis-sit web tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali](#)

L-aħħar aġġornament: 07/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.